19 ta' Mejju, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppina Agius *versus* Giorgio Sultana

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — "Alternative Accommodation" — Sentenza — Qari tax-Xhieda — Nullità — Appell — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 327/1945— Art. 593 (2) u art. 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili.**

*Il-Government Notice nru. 327/1945 mhix ta' ostakolu għat-talba tal-lokatur biex jieħu pussess ta' fond mikri lil ħadd ieħor meta huwa joffri lill-inkwilin "alternative accommodation" li tkun "suitable".*

*Il-fatt li d-depożizzjoni ma tiġix moqrija lix-xhud kif tirrikjedi l-liġi mhux motiv ta' nullità tas-sentenza meta l-vjolazzjoni tal-forma ma hix ta' preġudizzju għall-parti li trid toppuni fl-appell dik in-nullità tas-sentenza b'mod li dak il-preġudizzju ma jistax jiġi rimedjat ħlief bl-annullament tas-sentenza, jew meta dik il-parti kienet taf, jew messha tkun taf, b'dik il-vjolazzjoni ta' forma u intant ħalliet li l-attijiet jimxu l-quddiem u li tiġi mogħtija s-sentenza.*

Il-Qorti. — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn l-imsemmija Giuseppina Agius talbet biex terġa' tieħu taħt idejha d-dar bil-ġnien nru. 71, Triq Sant'Andrea, Ħal-Luqa, mikrija lill-intimat, għax trid tmur toqgħod fiha hi ma' erba' wliedha, waqt li ddikjarat li hi pronta tagħti lill-intimat id-dar fejn toqgħod hi l-lum nru. 10, Gate Street, Ħal-Luqa;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fit-3 ta' Marzu 1947, li biha ġiet milqugħa t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ġie mogħti lill-intimat xahar żmien, u ġie ordnat li l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi tal-każ jibqgħu mingħajr taxxa, dritt tar-reġistru u kariku ta' l-intimat; wara li dak il-Board ikkunsidra;

Li dan mhux każ fejn hija ta' ostakolu għat-talba l-Government Notice nru. 327 ta' l-1945, għaliex ir-rikorrent

qiegħda toffri lill-intimat, kerrej tagħha, "alternative accommodation", u allura, la darba jirriżulta l-interess tar-rikorrenti li tieħu possess tad-dar tagħha, l-indagini li għandha ssir hija dik jekk hux "suitable" jew le l-fond offert lill-kerrej minflok dak li-lum okkupat minnu;

Li huwa veru li l-familja ta' l-intimat............... Il-fond nru. 10, Gate Street, Ħal-Luqa, jikkonsisti............... u għalhekk huwa ta' min jikkunsidrah "suitable" għall-intimat bil-familja li għandu...............;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Giorgio Sultana quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn laqgħet it-talba tar-rikorrent u kkundannat Ell-istess Sultana biex iħallas l-ispejjeż tiegħu u d-dritt tar-reġistru, u tiġi konfermata għall-kumplament, u għalhekk it-talba tar-rikorrenti tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant, qabel xejn, ġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni li s-sentenza appellata hija nulla għaliex bażata fuq provi legalment ineżistenti, billi skond l-art. 593 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili d-depożizzjoni, wara li tiġi meħuda bil-miktub, għandha tinqara lix-xhud;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi li ġew imressqin quddiem il-Board jikkonsistu fix-xhieda ta' l-appellata, ta' binha l-Kanoniku Don Antonio Agius, u tal-mara ta' l-appellant. Ix-xhieda tagħhom ġiet meħuda fis-seduta tat-13 ta' Frar 1947, u r-rikors ġie mibgħut għas-seduta tat-3 ta' Marzu 1947 għas-sentenza. Dawk ix-xhieda ġew meħudin bil-miktub (fol. 4 u 5), iżda ma tinsab ebda dikjarazzjoni li ġiet lilhom moqrija, kif jinsab stabbilit fl-art. 593 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi n-nullità eċċepita hija bażata fuq l-art. 792 tal-Kodiċi fuq imsemmi, u l-appellant fit-trattazzjoni orali irriferixxa ruħu għall-inċiżi (c) u (d) ta 'dak l-artikolu. Iżda n-nullità kontemplata fl-inċiż (c) ma tistax tiġi opposta mill-appellant.

tant għaliex il-vjolazzjoni tal-forma minnu akkampata ma kienetx lilu ta' preġudizzju li ma setax jiġi rimedjat mod ieħor ħlief bl-annullament tas-sentenza, kemm għaliex meta huwa kien jaf, jew messu kien jaf, b'dik il-vjolazzjoni tal-forma, ħalla li l-attijiet jitkomplew u li tingħata sentenza (art. 792 (2) fuq ċitat). Kwantu għan-nullità msemmija fl-inċiż (d), anki kieku kellu jiġi ritenut li l-att huwa nieqes minn xi partikularità sostanzjali meħtieġa mill-liġi espressament, dik in-nullità ma tistax tiġi milqugħa billi l-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza appellata hija fis-sustanza tagħha ġusta;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata u tirrespinġi l-appell, billi tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fit-3 ta' Marzu 1947; b'dan però, illi t-terminu fl-istess sentenza stabbilit għandu jibda jgħaddi mil-lum. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu kollha mill-appellant.

---